StudentBounty.com

DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Dipartiment tal-Kurrikulu u *eLearning*
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2011**

Rotta 1

**L-EWWEL SENA** | **MALTI** | **ĦIN: SAGĦTEJN**

**Isem:** ______________________________ **Klassi:** ______________

**GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA:**

**SKEMA TA' MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 18 | 28 | 12 | 12 | 30 | 100 |
| Marki tal-istudent/a | | | | | | |

**KUMMENTI**

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## A. Silta għall-qari (18-il marka

# Peter iżur Malta għall-ewwel darba



Kienet ġurnata sabiħa tal-bidu tas-sajf u l-familja Mizzi kienet tinsab fuq ajruplan fi triqitha lejn Malta.

Peter, tifel ta' ħdax-il sena, u l-uniku wild tal-familja Mizzi, twieled l-Amerika u qatt qabel ma kien żar lil qrabatu f'Malta.

"Ma, kemm se ndumu ma naslu?" staqsa Peter lil ommu.
"Ma fadalx ħafna. Ara, minn hawn tidher il-bajja tar-Ramla l-Ħamra u dik t'hemm il-knisja ta' Għajnsielem."

Peter qagħad b'wiċċu mwaħħal mal-majka tat-tieqa jara l-ġmiel tal-gżejjer Maltin u jistagħġeb bis-sbuħija tal-bajja tal-Għadira u bil-kobor tar-rotunda tal-Mosta.

(Addattament minn kitba ta' P. Mejlak li dehret fi *Trab Abjad*)

1. Agħżel it-tweġiba t-tajba billi tagħmel sing taħtha: (6)

i. Il-familja Mizzi kienet se żżur (l-Awstralja, Malta, Għawdex).

ii. Peter (kellu ħutu oħrajn, kien tewmi, kien l-uniku tifel).

iii. Ġie Malta biex (iżur lill-qraba, jitgħallem jgħum, jattendi l-iskola).

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

2. Mis-silta sib u ikteb il-kelma li jonqos:

i. Peter staqsa lil o________.

ii. Ommu wrietu l-b________ tar-Ramla l-Ħamra.

iii. Urietu wkoll il-k_______ ta’ Għajnsielem.

3. Veru jew Falz? (6)

i. Peter ma qagħadx ħdejn it-tieqa. __________

ii. Kemm stagħġeb bil-ġmiel tal-gżejjer! __________

iii. Mit-tieqa Peter ra t-tempji tal-Ġgantija. __________

| B. Lingwa | (28 marka) |
|---|---|

1. Imla l-vojt bil-vokali minn ġol-kaxxa bħal fl-eżempju: (6)

ball_u_n 

f __ rfett 

ċintor __ n 

s __ dda 

dud __ 

tuff __ ħa 

x __ mx 

a, e, i, o, **u**, ie

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

2. Ikteb kliem ieħor mill-kaxxa t'isfel li jfisser l-istess bħal kliem miktub skur, bħal fl-eżempju: (8)

   a. M'hemmx isbaħ **mill-paċi** <u>mis-sliem</u>.

   b. **Il-ġuvnott** _______________ telaq lejn l-Italja.

   ċ. **Il-maqdes** ___________ tal-Ġgantija jinsab ix-Xagħra.

   d. Irċivejt **stedina** ___________ għal *party*.

   e. Il-**lewn** ___________ tal-bieb hu skur.

| It-tempju, kulur, **mis-sliem**, Iż-żagħżugħ, invit |
|---|

3. Għaqqad l-artiklu (Kolonna A) mal-frott (Kolonna B) bħal fl-eżempju: (8)

| A | | | B |
|---|---|---|---|
| 1 | l- | | ċirasa  |
| 2 | id- | | tuffieħa  |
| 3 | iċ- | | larinġa  |
| 4 | it- | | dulliegħa  |
| 5 | il- | **1** | għeneb  |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

4. Agħżel il-konsonanti t-tajba bħal fl-eżempju:

bie **b** (b, p) 　　pajji __ (s, ż)　　ħob __ (ż, s) 

żrin __ (ċ, ġ) 　　sadi __ (d, t)　　qal __ (b, p) 

__ bar (g, k)

## Ċ. Malti Prattiku (12-il marka)

Imla l-vojt bil-kelma t-tajba mill-kaxxa t'isfel ħalli tkompli d-djalogu bejn Pawlu u Simon dwar splużjoni ġo fabbrika tal-logħob tan-nar.



Pawlu: "_____ aħna Simon? Smajt bl-aħbar?"
Simon: "Iva, mietu erbgħa u hemm żagħżugħ għadu qiegħed jilgħabha mal-mewt."
Pawlu: "X'diżgrazzja hux? __________ temmen kif mument wieħed jeqred familja."
Simon: "Tgħid il-kamra __________ b'aċċident jew __________ xi traskuraġni?"
Pawlu: "Min jaf? L-esperti jridu jgħidu sewwasew x'ġara."
Simon: "Jalla din id-diżgrazzja sservina ta' tagħlima. Dan il-______________ perikoluż irid jitrażżan."
Pawlu: "Veru. Qiegħed tgħid sew. Narak __________ Simon."

| għada, minħabba, Kif, passatemp, Lanqas, taret |
|---|

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## D. Letteratura (12-il mark

**i. Proża**

### Is-*Sir* Briffa



L-għalliem tagħna raġel veru *all right*. Imma ħej dak ilsienu sarkastiku wisq.

David Grech jidħol inkiss inkiss ħmistax-il minuta tard tista' tgħid kull filgħodu. Dejjem bi skuża ġdida. U s-*Sir* Briffa jgħid: "Reġa' sebaħ ja Mulejja. Dave, xi storja ġdida għandek xi tgħidilna llum?"

U mal-bravi jagħmilha tal-ħelu. Sal-bieraħ, meta Rachel, li hija tajba f'kollox, qalet li kellha wġigħ ta' ras, is-*Sir* qal: "Min jaf? Mhijiex forsi d-dijadema li għandek madwar rasek, forsi ssikkata daqsxejn hux Rachel?"

(addattament minn **Stejjer tal-Linka –** SEDQA)

Agħżel it-tweġiba t-tajba billi tagħmel sing taħtha: (6)

(a) X'karattru għandu s-*Sir* Briffa?

(i) Is-*Sir* Briffa raġel fuq l-irġiel imma serju wisq.
(ii) Is-*Sir* Briffa *all right* imma sarkastiku wisq.

(b) X'jagħmel kull filgħodu David Grech?

(i) Kull filgħodu David Grech jixrob il-ħalib.
(ii) Kull filgħodu David Grech jidħol tard ġol-klassi.

(ċ) Ma' min jagħmilha tal-ħelu s-*Sir* Briffa?

(i) Is-*Sir* Briffa jagħmilha tal-ħelu mal-bravi.
(ii) Is-*Sir* Briffa jagħmilha tal-ħelu mal-imqarbin.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**ii. Poeżija**



Ġewwa fik, o Gżira tagħna,
Ħlief il-ħlewwa ma tidhirx;
U kif le, jekk ismek, ismek
Ħlief il-għasel ma jfissirx? (strofa minn **Tifħira lil Malta** ta’ Ġ.A. Vassallo)

Agħżel it-tweġiba t-tajba billi tagħmel sing taħtha. (6)

(a) Din il-poeżija hi dwar (l-Italja, Malta, bniedem).
(b) Ġo Malta tidher (ix-xemx, il-qrusa, il-ħlewwa).
(ċ) Isem Malta jfisser (il-paċi, il-għasel, il-kobor).

## E. Kitba ta’ sentenzi / paragrafi (30 marka)

1. Qiegħed in-numri 2 sa 6 ħdejn il-paragrafi ħalli tkompli l-istorja. (10)

| | |
|---|---|
| F’ħin minnhom, fis-sala waqgħet dalma kbira. Faqqgħet sajjetta qawwija u, bħas-soltu, inqata’ d-dawl. It-tfal bdew iwerżqu, anke dawk li s-soltu jagħmluha tal-*bullies*. | |
| Din ix-xitwa attendejt għall-ewwel ‘Jum il-Premjazzjoni’ fl-iskola l-ġdida. | **1** |
| Dan il-jum ma jien se ninsieh qatt. | |
| Kont fis-sala fejn kienet qiegħda ssir is-serata, meta f’salt wieħed, ir-riħ beda jvenven bis-saħħa. Dlonk beda jberraq. Il-beraq beda jixgħel minn ġol-ħġieġ tat-twieqi. Konna qisna fil-festa tar-raħal! | |
| Dak il-ħin kienet qiegħda ssir reċta fuq il-palk. Smajt lill-għalliema jikkalmaw lit-tfal. Dik battikata biex ħriġna mis-sala! | |
| Bdiet nieżla x-xita u fi ftit minuti bdew ifaqqgħu bosta sajjetti. Jien u sħabi tgħidx kemm bżajna! | |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**U**

2. Ikteb l-istorja ta' dawn l-istampi f'**10** sentenzi. Dan il-kliem jista' jgħinek: Jason; ħbieb; ramel; *lilo*; jgħum; qadef 'il barra; ma setax jidħol lura; tar-*rescue*; ħa ċanfira; ħa tagħlima. (20)



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers